

# KIF ISSIR POLITIKU 'KWAŻI PERFETT'

---

Għodda relatata mal-logħba ta' rwoli  
għall-istudenti bejn il-15 u t-18-il sena

## POLITIKU GĦAL ĠURNATA – X'HILJET GĦANDEK B'ZONN

Prosit! Ħadt sehem b'suċċess f'logħba ta' rwoġi fil-Parlamentarju, fejn kellek l-esperjenza li tkun Membru tal-Parlament Ewropew u tiddelibera mal-partit tiegħek dwar żewġ direttivi proposti.

In-negozjati dwar id-direttivi dwar "is-solidarjetà fil-qasam tal-ilma" u "l-identifikazzjoni personali" joqorbu sew għax-xogħol ta' vera ta' Membru tal-PE.

Huma wkoll

- jiġbru l-informazzjoni bil-ħin jagħfas;
- jivvalutaw l-informazzjoni li jirċievu;
- jiddefinixxu pożizzjoni fi ħdan il-partit politiku tagħhom u jiddefenduha quddiem il-gruppi l-oħra;
- jinnegozjaw u jilħqu kompromess biex jaslu għal riżultat;
- iridu jikkomunikaw il-pożizzjoni tagħhom – mhux biss lil xulxin, imma anke lill-istampa u lill-pubbliku.

Il-ħidma tal-Membri tal-PE hi saħansitra aktar ikkomplikata peress li dawn il-kompiti jridu jaffrontawhom b'diversi lingwi u f'postijiet differenti.

*X'għoġbok l-aktar meta kont Membru tal-PE? Liema parti tal-logħba sibt partikolarment interessanti? Kien hemm xi partijiet li kienu diffiċli jew stressanti wisq?*

---



---



---



---



---



---



---



---



---



---

## KIF TAĦDEM

### DEFINIZZJONIJIET

Tefteig ħafna ħiliet biex tkun politiku effikaċi. L-ewwel ħila hi li tifhem it-termini tekniċi kollha li jintużaw fit-tfassil tal-liġijiet fil-livell Ewropew.



**L-UNJONI EWROPEA:** L-Unjoni Ewropea (UE) attwalment għandha 28 Stat Membru. Għalkemm huma kollha stati sovrani (jiġifieri huma liberi li jiddeċiedu dwar il-liġijiet tagħhom stess u l-mod kif jorganizzaw ruħhom), huma qablu li jħaddmu liġijiet konġunti f'għadd ta' oqsma. Dan jagħmluh b'mod partikolari fil-każi fejn ħafna liġijiet nazzjonali differenti jagħmluha diffiċli ħafna li jsiru skambji (pereżempju ta' prodotti), jew fil-każi fejn il-miżuri meħtieġa biex tiġi affrontata problema jmorru lil hinn mill-fruntieri ta' pajjiż wieħed (pereżempju fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali).



**IT-TRATTAT (TA' LISBONA):** Dan id-dokument jistabbilixxi l-oqsma li fihom l-Istati Membri se jadottaw liġijiet konġunti, jispeċifika l-proċess tat-tfassil ta' liġijiet u jiddefinixxi ċ-ċittadinanza tal-UE.



**IĊ-ĊITTADINANZA TAL-UE:** Kull persuna li jkollha n-nazzjonalità ta' pajjiż tal-UE tkun awtomatikament ċittadin tal-UE. Iċ-ċittadinanza tal-UE ma tiħux post iċ-ċittadinanza nazzjonali. Jekk int ċittadin tal-Ewropa, ara ftit il-passaport tiegħek - dan iservi ta' prova kemm tan-nazzjonalità tiegħek u kemm tal-fatt li int ċittadin tal-UE.



**DIRETTIVA:** Hekk jissejġu l-biċċa l-kbira tal-liġijiet tal-UE. Jissejġu 'direttivi' għax jiddefinixxu għan wiesa' li jkun irid jintlaħaq minn kull pajjiż tal-UE waqt li jħallu d-dettalji f'idejn l-Istati Membri individwali (biex b'hekk jagħtu direzzjoni lil min ifassal il-liġijiet nazzjonali). Ġieli l-Istati Membri jadottaw liġijiet addizzjonali relatati li jkunu aktar dettaljati u li jridu jiġu applikati fil-livell nazzjonali.

**Nota:** Il-Kunsill tal-Ministri m'għandux jiġi konfuż mal-KUNSILL EWROPEW jew mal-KUNSILL TAL-EWROPA. Il-KUNSILL EWROPEW jgħaqqad lill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri tal-UE, u tipikament jiddeċiedi, jew joħroġ rakkomandazzjonijiet, dwar il-prijoritajiet u l-inizjattivi ewlenin li jkollhom jiġu żviluppati mill-Kummissjoni, il-Kunsill tal-Ministri u l-Parlament Ewropew. Il-KUNSILL TAL-EWROPA jikkonsisti f'47 stat membru u jittratta kwistjonijiet bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem - huwa l-organizzazzjoni Ewropea ewlenija fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Ma jistax joħroġ liġijiet. Il-kwartieri ġenerali tal-KUNSILL TAL-EWROPA, bħal dawk tal-Parlament Ewropew, jinsabu fi Strasburgu.

Sabiex taħdem b'mod effikaċi fi ħdan il-Parlament Ewropew, hemm bżonn ukoll li tiffhem min huma l-protagonisti ewlenin.

## IL-PROTAGONISTI



**IL-KUMMISSJONI EWROPEA:** Il-Kummissjoni Ewropea (KE) hija 'l-korp eżekuttiv' tal-UE. Tikkonsisti fi 28 'Kummissarju' (wieħed minn kull Stat Membru), li huma indipendenti u li jirrappreżentaw l-interessi tal-UE kollha kemm hi. Il-KE tipproponi liġijiet Ewropej u tiżgura ruħha wkoll li jiġu applikati b'mod korrett. Imma mhix il-KE stess li tadotta l-liġijiet. Dan hu xogħol il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri.



**IL-PARLAMENT EWROPEW** jikkonsisti f'751 Membru tal-Parlament, li jiġu eletti direttament miċ-ċittadini tat-28 Stat Membru u li huma organizzati f'għadd ta' gruppi politiċi. Għaldaqstant, il-Parlament Ewropew jirrappreżenta liċ-ċittadini tal-UE. Il-Parlament jinneqozja u jadotta l-liġijiet Ewropej flimkien mal-Kunsill tal-Ministri.



**IL-KUNSILL TAL-MINISTRI** jikkonsisti f'ministru wieħed għal kull Stat Membru. Peress li l-Unjoni Ewropea tittratta ħafna suġġetti differenti, bħall-agrikoltura, l-affarijiet barranin, l-ambjent u t-trasport, fil-verità mhux Kunsill tal-Ministri wieħed biss hemm, imma ħafna differenti. Il-Kunsill tal-Ministri jirrappreżenta lill-gvernijiet tal-Istati Membri u jeħtieġu jilħaq qbil mal-Parlament Ewropew dwar liġijiet ġodda.

## IL-PROTAGONISTI FI ĦDAN IL-PARLAMENT EWROPEW:



**IL-MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW:** Il-Membri tal-Parlament Ewropew jiġu eletti direttament għal żmien ta' ħames snin. Il-Membri tal-PE li jkollhom l-istess twemmin politiku, irrispettivament mill-pajjiż tal-orijini tagħhom, jiffurmaw GRUPP POLITIKU. Il-gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew għaldaqstant huma organizzati skont l-affiljazzjoni politika u mhux skont in-nazzjonalità. Grupp politiku ġdid fil-Parlament Ewropew jista' jinħoloq biss jekk ikollu minimu ta' 25 Membru li jirrappreżentaw mill-inqas 7 Stati Membri.



**IL-KUMITATI:** Kumitat huwa post fejn il-Membri mill-gruppi politiċi differenti tal-PE jiltaqgħu biex jiddiskutu suġġetti f'qasam ta' politika speċifiku (bħall-ambjent, il-politika barranija jew l-affarijiet ekonomiċi). Hemm aktar minn 20 kumitat ta' dan it-tip, u huwa hawn li ssir il-biċċa l-kbira tal-ħidma preparatorja fuq liġijiet ġodda. Ftakar ftit, waqt il-logħba ta' rwoli, int attendejt laqgħat ta' kumitat.



**IS-SESSJONI PLENARJA:** Il-Parlament Ewropew kollu kemm hu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu hawnhekk. Waqt li f'kumitat ikunu biss uħud mill-Membri tal-PE li jiltaqgħu u jiddiskutu ċerti liġijiet proposti, is-sessjonijiet plenarji huma l-laqgħat fejn il-Membri kollha jinġabru biex jeżaminaw il-liġijiet proposti kollha li jkunu għaddew mill-kumitati. Tkellimt fil-plenarja waqt il-logħba ta' rwoli?




**EMENDA:** proposta għal bidla f'abbozz ta' liġi.



**QARI:** meta l-Parlament u l-Kunsill ipoġġu flimkien u jiddeċiedu dwar proposta għal liġi.

# KIF ISSIR POLITIKU 'KWAŻI PERFETT'



## INFORMAZZJONI OĦRA:

*Il-Parlament u l-Kunsill jaħdmu b'mod parallel, iżda b'ħala regola l-Parlament Ewropew ikun l-ewwel istituzzjoni li 'tadotta' formalment (tiddeċiedi dwar) il-pożizzjoni tagħha. Meta l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu, irid jiddeċiedi wkoll jekk jistax jaċċetta t-tibdil mitlub mill-Parlament.*

## ILĦUQ TA' QBIL

Biex liġi Ewropea tiġi approvata, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iridu jaqblu fuq test konġunt. Kif jilħquh il-qbil? Hemm proċedura li tinvolvi massimu ta' 3 fażijiet (li kull waħda tissejjaħ "qari") li jwasslu għal kompromess.

Din deskrizzjoni fid-dettall ta' dan il-proċess:

**L-ewwel fażi:** il-Kunsill u l-Parlament Ewropew it-tnejn jeżaminaw il-proposta tal-Kummissjoni. Tinġabar ħafna informazzjoni, prinċipalment permezz ta' konsultazzjoni ma' lobbyists akkreditati, partijiet ikkonċernati, ċittadini u oħrajn. *Tiftakar kif ġbart l-informazzjoni fil-logħba ta' rwoli?*

Il-gruppi li jaħdmu fuq il-proposta jkunu KUMITAT PARLAMENTARI fil-Parlament u GRUPP TA' ĦIDMA fil-Kunsill.

**L-EWWEL QARI:** Il-Parlament u l-Kunsill jivvotaw separatament fuq il-proposta għall-ewwel darba.

**It-tieni fażi:** Jekk ma jilfqux qbil sħiħ (ħaġa li tiġri ta' spiss), huma jgħaddu għat-tieni fażi. Hawnhekk jeżaminaw il-kompromessi possibbli. Il-grupp ta' ħidma u l-kumitat jiltaqgħu darba oħra u, fi tmiem din il-fażi, il-Kunsill u l-Parlament jivvotaw dwar it-test propost għat-tieni darba. Din hi l-fażi *tat-tieni qari*.

**It-tielet fażi:** Jekk, wara t-tieni qari, iż-żewġ partijiet ikunu għadhom ma jistgħux jaqblu rigward test konġunt, ikollhom ċans wieħed tal-aħħar: jitwaqqaf *Kumitat ta' Konċiljazzjoni* biex tinstab soluzzjoni possibbli. Fil-laqgħa ta' konċiljazzjoni, ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ipoġġu flimkien biex isibu kompromess. Dawn il-laqgħat ta' spiss iseħħu bi pressjoni kbira ta' ħin, u ħafna drabi jintlaħaq ftehim filgħodu kmieni wara ħafna sigħat ta' negozjazzjoni. Jekk hawnhekk ma jinstab l-ebda qbil, il-liġi proposta tiġi definittivament miċħuda.

Jista' jkun li qed taħseb għalfejn hemm daqstant passi. Jista' jkun li qed tistaqsi lilek innifsek jekk dan kollu hux verament neċessarju.

*Imma kkunsidra dan: huwa biss permezz ta' dan il-proċess li tista' tkun ċert li l-perspettivi u l-fehmiet differenti jkunu qed jinstemgħu!*



## NOTA DWAR IL-KITBA TA' MANIFEST

- Irid ikollkom viżjoni.
- Stabbilixxu l-oġġettivi tagħkom u żviluppaw l-istrategġija tagħkom biex tkun tistgħu tiksuhom.
- Sib u ħames argumenti biex tikkonvinċu lin-nies jivvotaw għad-direttiva tagħkom.
- Kunu passjonali, konċiżi u rilevanti, u użaw lingwaġġ ċar.
- Esprimu ruħkom b'mod kreattiv u nebbiehi meta tkunu qed tippreżentaw l-ideat tagħkom.

Issa li tifhem aktar dwar il-proċeduri ta' ħidma tal-Parlament Ewropew, imiss lilek tiffirma grupp politiku u tipproponi liġi rigward kawża li temmen fiha b'mod qawwi.

Segwi dawn is-sitt passi u ara jekk tistax tikkonvinċi lil sħabek tal-klassi jivvotaw favurik.

1. **Għaqqad il-grupp politiku tiegħek ta' membri li jkollhom l-istess twemmin tiegħek.**
2. **Flimkien mal-membri l-oħra, agħżlu isem għall-grupp politiku tagħkom.**
3. **Iktbu l-manifest tal-grupp tagħkom.**
4. **Agħżlu l-kawża li tixtiequ tiddefendu.**
5. **Agħmlu proposta għal politika li tixtiequ li l-Parlament jadotta.**
6. **Agħtu diskors quddiem il-gruppi politiċi l-oħra (sħabkom tal-klassi) b'appoġġ għall-pożizzjoni tal-grupp tagħkom dwar il-proposta.**

Fl-aħħar ta' kull diskors, int u sħabek tivvotaw biex tiddeċiedu liema grupp politiku kien l-aktar konvinċenti biex jiddefendi l-kawża tiegħu.

Aċċettaw l-isfida biex issiru l-grupp rebbieħ!





